MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 1013/2006

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Emanuel Gatt I.D. Card numru 437266(M))**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li bih il-Bank of Valletta ippremetta illi:

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 29 ta` Lulju, 2003 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon (Dok. A), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil konvenut Emanuel Gatt.

2. Is-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Emanuel Gatt fis-somma ta` erbgha u tletin elf, hames mija u tnejn u sittin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm34,562.40) bilanc ghad-debitu fil-*“Loan Accounts”* ta` Emanuel Gatt

mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. *"B1 sa B2"*, Dok. *"C",* u Dok. *"D"*) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mit-28 ta` Ottubru, 2006, sad-data ta` l-effettiv pagament;

3. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-imsemmi kuntratt (u hawn esebiti bhala Dokument *"A")* partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel Gatt;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat;

4. L-atturi nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenut gie interpellat permezz ta` ittra ufficjali datata 19 ta` Dicembru, 2005 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. *"E"*, sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa` inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt datat 29 ta` Lulju, 2003 in atti Nutar Dottor Pierre Falzon fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument *"A"*) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Emanuel Gatt (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u (b) kien inadempjenti f`obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u

2. Tikkundanna lil Emanuel Gatt ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` erbgha u tletin elf, hames mija u tnejn u sittin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm34,562.40) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta` Emanuel Gatt mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. *"B1 sa B2"*, Dok. *"C"*, u Dok. *"D"*) flimkien ma` l-imghax ulterjuri mit-28 ta` Ottubru, 2006 sad-data ta` l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 19 ta` Dicembru, 2005 u tal-Mandati ta` Sekwestru u ta` Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut, ghalkemm debitament notifikati ma pprezenta ebda risposta ghall-imsemmi rikors.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Semghet ix-xhud prodott.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tal-Bank rikorrent gew ampjament pruvati a sodisfazzjon ta` din il-Qorti.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet tal-Bank rikorrent u (1) tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet insemmija fil-kuntratt datat 29 ta` Lulju, 2003, u (2) tikkundanna lil Emanuel Gatt ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` erbgha u tletin elf, hames mija u tnejn u sittin liri Maltin u erbghin centezmu (Lm34,562.40) bl-imghax ulterjuri mit-28 ta` Ottubru, 2006 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 19 ta` Dicembru, 2005 u tal-mandati ta` sekwestru u ta` qbid kontra l- intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------